Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 31 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef**
**Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Rodrick Grima**
**(0136688M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Rodrick Grima**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0136688M.

Akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Mejju 2023 ghall-habta tat-08:00hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa il-Belt Valletta, ikkommetta serq semplici, ghad-detriment ta' Clayton Xuereb u/jew persuna jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghex hajja ta' ghazz u vagabondagg;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv a terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2023.

Semghat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikunsidrat**

Illi l-Probation Officer Rona Agius Custo ipprezentat Pre-sentencing Report immarkat Dok RAC1 fit-3 ta' Lulju 2023, fejn irrakomandat illi l-imputat jinghata piena ta' prigunerija effettiva. F'dan il-perjodu, jekk juri motivazzjoni, jkun jista' jinghata l-opportunita li jindirizza l-problema tad-droga u b'hekk irrakomandat ukoll li tinhareg Ordni ta' Trattament ghal-vizzji u ghas-sahha mentali. Rona Agius Custo xehdet illi l-imputat

kien ilu f'kuntatt mad-Dipartiment mill-2010, u ghalhekk ma' kienx klijent gdid. Hu kellu vizzju tax-xorb u tad-droga, liema vizzji qatt ma' gew indirizzati, ghalkemm kien hemm diversi tentattivi fejn kien gie riferut ghal ghajnuna professjonali, izda l-imputat qatt ma' rrikora ghal din l-ghajnuna. Fil-prezent l-imputat kien il-habs u kien qieghed jigi segwit minn care plan co-ordinator, kif ukoll psikjatra.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 49, 50, 284, 285, 289, 334 u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih** u qed tikkundanah ghal **tmien (8) xhur prigunerija effettiva.**

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinzamm fit-Taqsima Forensika u jinghata kull ghajnuna mehtiega, kemm medika, kif ukoll dik psikologika u psikjatrika illi ghandu bzonn, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u xorb kif ukoll problemi ohra li jistghu jirrizultaw.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**